## PRIM’ AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-13 TA’LULJU, 2023**

**Kawża fuq il-lista nru. 6**

**Rik. Ġur. nru. 669/2022 RGM**

**EveryMatrix Development Limited (C 56332)**

**v.**

**Portelli and Brincat Limited (C 5467)**

**Il-Qorti:**

**Daħla**.

1. B’rikors ġuramentat tat-28 ta’ Lulju, 2022 is-**soċjeta’ attriċi EveryMatrix Development Limited (aktar ‘l isfel EveryMatrix jew**

**is-soċjeta' attriċi**) kontra **s-soċjeta' konvenuta Portelli and Brincat Limited (aktar 'l isfel Portelli and Brincat jew is-soċjeta' konvenuta**) talbet li l-Qorti (i) tiddikjara illi Portelli and Brincat hija debitriċi ta' EveryMatrix fis-somma ta' €31,445.58 rappreżentanti ammont dovut bħala rimborż ta' pagamenti imħallsa mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta għal prodotti illi qatt ma ġew ikkonsenjati lis-soċjeta' attriċi fiż-żmien miftiehem (ii) tikkundanna lil Portelli and Brincat tħallas lil EveryMatrix is-somma imsemmija ta' €31,445.58. Bl-imgħax u bl-ispejjeż.

2. EveryMatrix resqet dawn it-talbiet wara li ppremettiet illi hija kienet ftehmet ma' Portelli and Brincat sabiex ta' l-aħħar tforniha, tikkunsinna u tinstalla prodotti ta' blinds, awnings u pergolas fl-uffiċju okkupat minn EveryMatrix; illi abbażi ta' dan il-ftehim EveryMatrix irċeviet fattura għall-ammont ta' €34,395.58; illi l-prodotti u s-servizzi kellhom jiġu kkunsinjati u provduta f'perijodu sa massimu ta' erba' ġimghat; illi fis-26 ta' Lulju 2021 EveryMatrix ħallset lil Portelli and Brincat is-somma ta' €24,550.00 akkont filwaqt li ħallset il-bilanċ ta' €9,940.58 fl-4 ta' Awissu, 2021; illi Portelli and Brincat ma pprovditx dak ordnat fiż-żmien miftiehem sakemm f'Novembru 2021 is-soċjeta' konvenuta infurmat lis-soċjeta' attriċi illi setgħat tiprovdi biss parti minn dak ordnat; illi dak offrut mis-soċjeta' konvenuta kien ta' kwalita' differenti minn dak ordnat; illi l-unika prodotti li sallum ġew kkonsenjati (għalkemm mhux tal-kwalita' kif miftehma) jiswew €2,950.00 u għalhekk dan l-ammont ma hux inkluż fl-ammont reklamat f'din il-kawża; illi permezz ta' ittra uffiċjali tat-28 ta' Ġunju, 2002 EveryMatrix interpellat lil Portelli and Brincat sabiex tirrifondi s-somma imsemmija ta' €31,445.58 iżda baqgħet inadempjenti u għalhekk intavolat il-kawża odjerna.

3. Rat illi Portelli and Brincat ġiet notifikata fis-17 ta’ Ottubru, 2022 iżda ma ppreżentatx risposta ġuramentata u għalhekk waqgħet fi stat ta’ kontumaċja.

4. Rat l-affidavit ta’ Ebbe Groes, id-direttur tas-soċjeta’ attriċi.

5. Semgħat ix-xhieda ta’ Claire Borg prodotta mis-soċjeta’ attriċi fis-seduta tat-18 ta’ Jannar, 2023.

6. Rat l-affidavit ta’ Anton Lin, Chief Financial Officer tal-grupp ta’ kumpaniji li tifforma parti minnhom is-soċjeta’ attriċi.

7. Semgħat ix-xhieda ta’ Michelle Lewis prodott mis-soċjeta’ attriċi fis-seduta tal-14 ta’ Frar, 2023.

8. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-soċjeta’ attriċi ppreżentata fit-13 ta’ Marzu, 2023. Rat illi s-soċjeta’ konvenuta, għalkemm ingħatat il-fakolta’ li tippreżenta nota ta’ sottomissjonijiet, ma ppreżentat xejn.

9. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Il-Kontumaċja tas-Soċjeta’ Konvenuta.**

10. Bħala punt ta’ tluq, tajjeb jiġi affermat illi meta konvenut ikun waqa’ fi stat ta’ kontumaċja, l-attur xorta waħda jibqagħlu l-oneru

li jressaq provi sodisfaċenti biex jissostanzja t-talbiet tiegħu. Il-kontumaċja mhiex ekwivalenti għall-ammissjoni; bil-konsegwenza illi r-regola li min jallega għandu l-oneru li jipprova dak minnu allegat hija applikabbli f'kawża fejn il-konvenut huwa kontumaċi daqskemm hija applikabbli f'kawża fejn l-azzjoni attriċi hija kontestata (**Charles Saliba v. Salvu Borġ** - Qorti tal-Appell (Superjuri) - 27 ta' Ġunju, 1997).

11. Meta konvenut ma jikkontestax il-kawża u fl-istess ħin ma jidhirx għas-smigħ il-qorti xorta waħda għandha tikkunsidrah li qed jopponi għat-talbiet attriċi. (**George Busuttil et v. Anthony Vassallo et**, - Qorti tal-Appell (Superjuri) - 6 ta' Ottubru, 2020).

**L-Azzjoni Attriċi.**

12. Permezz tal-kawża odjerna s-soċjeta' attriċi qed titlob mingħand is-soċjeta' konvenuta rifużżjoni ta' ammont ta' flus li hija ħallset lis-soċjeta' konvenuta għal numru ta' prodotti u servizzi li baqgħu ma ġewx konsenjati jew forniti.

**Fatti Rilevanti.**

13. L-azzjoni attriċi għandha l-oriġini tagħha f'ordni li għamlet is-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta għal numru ta' prodotti konsistenti fi blinds għall-uffiċju kif ukoll 'pergolas' u 'awnings' għall-uffiċju ġdid tagħha. F'Lulju 2021 is-soċjeta' konvenuta bgħatet lin-nies tagħha sabiex ħadu l-qisien u sussegwentement bgħatu stima tal-ispiża (ara kopja tal-istima a fol. 54) ammontanti għal €35,395.58. Fuq l-istess stima kien hemm numru ta' kondizzjonijiet fosthom li mal-ordni kellu jsir ħlas akkont tal-prezz

ekwivalenti għal 70% u li l-konsenja kellha ssir fi żmien erba' ġimgħat li bonarjament ġie estiż mill-ewwel bejn il-partijiet għal sitt ġimgħat. Kien ġie miftiehem ukoll skont ta' €1,000.00 fuq l-istima sabiex l-istima ġiet ridotta għal €34,395.58.

14. Is-soċjeta' attriċi għamlet l-ordni, aċċettat l-offerta ta' skont u ħallset is-somma ta' €24,455.00 permezz ta' bank transfer fis-26 ta' Lulju, 2021 (ara. Dok ML1 a fol. 51). Is-soċjeta' konvenuta kellha tikkonsenja u tinstalla dak ordnat sa żmien sitt ġimghat mill-ordni, u ċioe' versu l-ewwel gimgħa ta' Settembru 2021. Fl-4 ta' Awissu, 2021 is-soċjeta' attriċi bgħatet permezz ta' bank transfer is-somma bilanċjali ta' €9,940.56 (ara Dok ML2 a fol. 52). Pero' l-ewwel ġimgħa ta' Settembru 2021 waslet u għaddiet mingħajr ma s-soċjeta' konvenuta ikkonsenjat xejn.

15. Michelle Lewis, office manager u facilities manager tas-soċjeta' attriċi spjegat illi hija bdiet tiġri wara r-rappreżenanti tas-soċjeta' konvenuta u tibgħat komunikazzjonijiet elettroniċi lis-soċjeta' konvenuta tistaqsi għaliex l-oġġett ordnati u mħallsa ma kienux għadhom ġew konsenjati. Is-soċjeta' konvenuta ma bdietx tirrispondi.

16. Sakemm fit-13 ta' Ottubru, 2021 Mauro Portelli għal Portelli and Brincat bgħat email lil Michelle Lewis fejn informaha li l-oġġetti ordnati kienu ser jaslu dalwaqt u li "We will have everything ready and functioning by the $27^{th}$ (October, 2021).

17. Fil-21 ta' Ottubru, 2021 Michelle Lewis għal EveryMatrix bgħatet ittra lil Mauro Portelli fejn ipprotestat għan-nuqqasijiet ta' Portelli and Brincat, fakritu illi skond l-ordni l-oġġett kellhom jiġu

kkunsinjati fi żmien erba’ ġimgħat u li d-data miftehma kienet għaddiet mingħajr ma ġie kkunsinjat xejn.

18. Is-soċjeta’ Portelli and Brincat ma żammitx mal-obbligi tagħha u kkonsenjat biss parti żgħira minn dak ordnat li l-prezz tiegħu ġie mnaqqas fl-ammont mitlub mis-soċjeta’ konvenuta. Il-kumplament baqgħet ma kkonsenjatux nonostante illi kienet tħallset tiegħu.

19. Qed titlob għalhekk is-soċjeta’ attriċi li tiġi rifuża dak li ħallset għalih u baqa’ ma ġiex kkonsenjat.

**Konsiderazzjonijet.**

**Kuntratt ta’ Komprovendita**.

20. Ġie ppruvat sodisfaċentement mis-soċjeta’ attriċi illi bejn il-partijiet kien hemm kuntratt ta’ komprovendita; illi l-prezz miftiehem tħallas kollu; u li dak ordnat ma ġiex konsenjat ħlief għal parti żgħira. Qed titlob għalhekk is-soċjeta’ attriċi rifużjoni ta’ dak minnha mħallas għall-oġġett tal-kuntratt li baqa’ ma ġiex ikkonsenjat mis-soċjeta’ konvenuta.

21. Il-prinċipji legali li jirregolaw il-kuntratt ta’ komprovendita b’mod ġenerali, u l-effetti tan-nuqqas ta’ konsenja tal-oġġett mertu tal-kuntratt ta’ bejgħ huma s-segwenti.

22. Il-bejjiegħ għandu żewġ obbligi primarji f'kuntratt ta' bejgħ (i) li jikkunsinna u (ii) li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa (**Art. 1378, Kap. 16**).

**23.** Dwar l-ewwel obbligu li huwa l-mertu tal-kawża odjerna, jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob kif jagħżel hu jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss (**Artikolu 1385, Kap. 16).**

24. Fil-każijiet kollha li x-xerrej għandu jedd li jerġa lura mill-kuntratt, il-bejjiegħ għandu jroddlu, mal-prezz li jkun irċieva, l-ispejjeż tal-kuntratt u kull spiża leġittima oħra li jkollha x'taqsam mal-bejgħ (**Art. 1404 tal-Kap. 16).**

25. In tema legali ssir referenza għas-sentenza **Renato Vidal et. v. U.C.I.M. Ltd** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-11 ta' Ġunju, 2010 fejn dwar iż-żmien li fih il-bejjieħ jintrabat li jikkonsenja l-oġġett tal-kuntratt ingħad kif ġej:

> Aktar fundamentali minn dan hu l-fatt li dik l-ordinazzjoni kienet soggetta ghat-terminu ta' konsenja ta' cirka erba' (4) xhur; Hu ritenut illi "per decidere se coll'apporre un termine per la esecuzione di una convenzione i contraenti debbono ritenersi aver voluto far cessare o no gli effetti della convenzione stessa qualore la convenzione non si eseguisce entro il detto termine, si deve aver riguardo alla probabile intenzione delle parti, desumbile dalle circostanze, per vedere quale modalita` abbiano voluto esse apporre alla loro obbligazione mediante la convenzione circa quel termine" (**"Raffaele Debono -vsLorenzo Galea Montebello",** Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1902); Applikata din l-enuncjazzjoni ghall-

fattispeci ma jistax ikun dubitat illi meta l-kontraenti qablu fuq dak it-terminu ta' erba' xhur, l-intendiment kien li huma jiddelimitaw il-perijodu ta' zmien li fih il-konsenja tal-vettura kellha tigi esegwita. Dan b'mod li dak it-terminu kien minnhom meqjus koncess (almenu zgur fil-kaz ta' l-appellati) fl-aspettattiva li ssehh dik il-konsenja. Ragonevolment, it-terminu hekk iffissat ma setax hlief ikun kwalifikat bhala wiehed ta' adempiment. Rigwardata ghall-mument mill-ottika purament tad-dritt civili, f'kaz bhal dan isib applikabilita d-dispost ta' l-Artikolu 1130 (1) tal-Kapitolu 16 li jipprovdi illi "jekk l-obbligazzjoni tkun li wiehed ghandu jaghti jew jaghmel, u fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien, id-debitur jigi mqieghed in mora bl-eghluq biss ta' dak izzmien ...". Ara b'illustrazzjoni s-sentenza fl-ismijiet "**Tenente Alfredo Falzon Sant Manduca -vs- Grazia Calleja",** Prim' Awla, Qorti Civili, 13 ta' Mejju, 1910;

26. Mill-provi mressqa mis-soċjeta' attriċi ġie ppruvat mingħajr ebda ombra ta' dubju illi n-nuqqas ta' konsenja tal-oġġetti ordnati bl-ebda mod ma jista' jiġi imputat lis-sooċjeta' attriċi, li fil-verita' marret oltre dak minnha mistenni u ħallset il-prezz kollu mingħajr ma kien għadu ġie kkonsenjat xejn.

27. Hawnhekk għandna sitwazzjoni fejn ix-xerrej mar oltre u ħallas il-prezz kollu mingħajr ma kien għadu kkonsenjat xejn filwaqt li l-bejjiegħ kiser l-obbligu tiegħu li jikkonsenja l-oġġett mixtri mhux biss saż-żmien miftiehem iżda anke wara li skada sew it-terminu. Aġir dan li jmur kontra mhux biss il-kelma tal-liġi iżda wkoll kontra kull sens ta' negozju responsabbli fejn ħafna drabi l-partijiet kontraenti jistrieħu fuq ir-rieda tajba u l-*buona fede*.

28. Mill-atti jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta intrabtet bi żmien sa meta kellha tikkonsenja l-oġġetti mixtrija mis-soċjeta' attriċi. Dan l-obbligu hija ma onoratux. Jirriżulta għalhekk illi bl-għeluq tat-terminu pattwit għall-konsenja mingħajr ma seħħet il-konsenja,

is-soċjeta’ attriċi kellha d-dritt li tinħall mill-kuntratt u titlob ir-rifużjoni tal-prezz imħallas.

29. U hekk għamlet is-soċjeta’ attriċi għaliex ma kellha l-ebda obbligu li tistenna lis-soċjeta’ konvenuta tikkonsenja dak mixtri oltre t-terminu stipulat. Jirriżulta illi bi sforz sabiex tipprova tagħlaq il-kwistjoni is-soċjeta’ attriċi bonarjament tat ċans sabiex l-oġġetti mixtrija jiġi kkonsenjati żmien sew wara t-terminu pattwit; iżda nonostante diversi wegħdi da parti ta’ Marco Portelli għal Portelli and Brincat li l-oġġett mixtrija ser jiġu kkonsenjati sa data speċifika ferm oltre dik miftehma, xorta waħda s-soċjeta’ konvenuta baqgħet tonqos mill-obbligu tagħha li tikkonsenja dak mixtri mingħandha. Bil-fatt li s-soċjeta’ attriċi addirittura ħallset kollox minn qabel jamplifika n-nuqqas da parti tas-soċjeta’ konvenuta.

30. Għalhekk il-Qorti ssib illi s-soċjeta’ attriċi kellha raġun li tesiġi li tinħall mill-kuntratt u titlob ir-rifużjoni tal-prezz imħallas ai termini tal-Artikolu Dan stabbilit ma hemm l-ebda raġuni għaliex is-soċjeta’ konvenujta ma għandiex tirrifondi lis-soċjeta’ attriċ1i dak kollu li din tal-aħħar ħallsitha għall-dak kollu li ħallset għalih u ma ġiex kkonsenjat. Il-Qorti qed tqis illi t-talba għall-ħall mill-kuntratt ta’ bejgħ hija intrinsika fit-talba għar-rifużjoni tal-prezz imħallas.

31. Dwar l-imgħax reklamat mis-soċjeta’ attriċi, tenut kont illi s-soċjeta’ attriċi ħallset il-prezz kollu sal-4 ta’ Awissu, 2021, il-Qorti tqis illi l-ammont li s-soċjeta’ konvenuta qed tiġi kkundannata li tirrifondi għandu jiddekorru fuqu l-imgħax legali mill-4 ta’ Awissu, 2021, anke għaliex il-kuntrattazzjoni ta’ bejn il-partijiet hija ta’ natura kummerċjali.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta,

1. **Tilqa'** l-ewwel talba, tiddikjara illi bin-nuqqas ta' konsenja lis-soċjeta' attriċi tal-oġġetti minnha mixtrija mingħand is-soċjeta' konvenuta, s-soċjeta' konvenuta għandha tirrifondi lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' wieħed u tletin elf, erba' mija u ħamsa u erbgħin ewro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€31,445.58);

2. **Tilqa**' t-tieni talba, tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma imsemmija ta' €31,445.58.

   **Bl-ispejjeż** kif mitlub u bl-**imgħax legali** mill-4 ta' Awissu, 2021 sad-data tal-effettiv pagament.

   **Moqrija,**

   **Robert G. Mangion**
   **Imħallef**
   13 ta' Lulju, 2023

   **Lydia Ellul**
   **Deputat Reġistratur**